C/2024/2839

8.5.2024

P9_TA(2023)0377

Talba għall-ħarsien tal-immunità ta' Stefano Maullu

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Novembru 2023 dwar it-talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Stefano Maullu (2023/2038(IMM))

(C/2024/2839)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba ta' Stefano Maullu tas-17 ta' Marzu 2023, imħabbra fis-seduta plenarja tad-29 ta' Marzu 2023, fid-dawl tal-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu fil-qafas tal-proċediment kriminali pendenti quddiem il-Qorti Ordinarja ta' Venezja, l-Italja,

— wara li sema' lil Stefano Maullu, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 7 u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0318/2023),

A. billi Stefano Maullu, Membru tal-Parlament Ewropew mit-13 ta' Lulju 2015 sal-1 ta' Lulju 2019, elett fl-Italja, talab il-ħarsien tal-immunità parlamentari tiegħu fil-qafas ta' proċediment kriminali fil-konfront tiegħu pendenti quddiem il-Qorti Ordinarja ta' Venezja talli offenda l-unur u l-prestiġju tal-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti tal-Appell ta' Brescia, skont it-termini tal-Artikoli 595(1), (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali Taljan u tal-Artikolu 13 tal-Liġi Taljana Nru 47 tat-8 ta' Frar 1948;

B. billi dawn il-proċedimenti huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet li għamel Stefano Maullu u ppubblikati f'gazzetta Taljana fil-5 ta' April 2018; billi dawn id-dikjarazzjonijiet kien fihom kumment fir-rigward ta' intervista dwar is-suġġett tal-armi li l-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti tal-Appell ta' Brescia kien ta lil gazzetta Taljana oħra; billi dan il-kumment kien fih allegazzjonijiet li l-persuna kkonċernata ħasset li kienu inġurjużi;

C. billi, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu, u billi l-iskop tal-immunità parlamentari hu li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji b'rabta mal-attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawn id-dmirijiet;

D. billi dikjarazzjoni magħmula minn Membru barra mill-Parlament Ewropew tista' tikkostitwixxi opinjoni espressa fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7, biss jekk in-natura jew il-kontenut tagħha jkollhom rabta diretta u evidenti mal-qadi tad-dmirijiet ta' dak il-Membru fil-Parlament Ewropew;

([1]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

E. billi, fil-każ inkwistjoni, l-allegat reat ma jikkonċernax opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Stefano Maullu fil-kapaċità tiegħu ta' Membru tal-Parlament Ewropew fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

F. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea huwa applikabbli biss għall-Membri tal-Parlament Ewropew; billi Stefano Maullu kien Membru tal-Parlament Ewropew sal-1 ta' Lulju 2019; billi t-telf tal-istatus ta' Membru tal-Parlament Ewropew konsegwentement jinvolvi t-telf tal-immunità relatata, li t-tul tagħha huwa limitat, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, għal dak il-mandat ([2]);

1. Jiddeċiedi li ma jħarisx il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Stefano Maullu;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Italja u lil Stefano Maullu.

([2]) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2017, *Marion Le Pen vs Il-Parlament Ewropew*, T-284/17, paragrafu 28, ECLI:EU:T:2017:939.